**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**MALTA**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tal-25 ta' Novembru, 2016**

**Talba numru: 327/16AM3**
**Lista Numru: 60**

**GO plc (C22334)**
**Triq Fra Diegu,**
**Marsa MRS1501**

**Vs**

**Luca Aquilina (25595M)**
**Centre Grove, Entratura A, Flat 16,**
**Triq Dun Xand Cortis,**
**Birkirkara**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fis-17 ta' Awwissu, 2016 li permezz tieghu s-Socjeta' attrici talbet il-hlas minghand l-konvenut fl-ammont ta' elf disa' mija u disgha u sebghin ewro u erbgha u tletin centezmu (€1,979.34c) in kwantu ghal sitt mija u disgha u tletin ewro u disgha u sebghin centezmu (€639.79c) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40311638 u elf, tlett mija u disgha u tletin ewro u hamsa u hamsin centezmu (€1,339.55) in konnessjoni ma' servizzi fuq kont bin-numru 40406280.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, il-konvenut ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-provi tas-Socjeta' attrici.

Ra li l-konvenut imsejjah tlett darbiet fis-seduta tat-18 ta' Novembru, 2016 ma deherx u ghalhekk iddikjara l-provi maghluqa u ddiferixxa l-kawza ghas-sentenza.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-Soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-Soċjeta′ attriċi s-somma ta' elf, disa' mija u disgha u sebghin ewro u erbgha u tletin centezmu (€1,979.34c) bl-imghaxijiet legali mill-15 ta' Marzu, 2016 sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjeż inkluzi dawk tal-ittra ufficjali huma a kariku tal-konvenut.

**Av. Anna Mallia**
**Ġudikatur**